# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa 22 ta' Marzu, 2017**

**Kawża Nru 35**

**Rik. Nru. 318/2012 JRM**

Tigran **ARUTYUNYAN**

vs

**PROPERTY CONSULTANTS ATW LIMITED (C – 40774)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Marzu, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) tillikwida l-ammont dovut lilu mill-kumpannija mħarrka bħala rifużjoni ta' ħlasijiet li huwa għamel fi tliet (3) okkażjonijiet fl-interessi tagħha biex ħallas djun li hija kienet daħlet għalihom ma' terzi persuni; (ii) issib li l-kumpannija mħarrka hija debitriċi fil-konfront tiegħu tal-ammont hekk likwidat; u (iii) tordna li l-istess kumpannija mħarrka tħallsu dak l-ammont. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' April, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija imħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-28 ta' Ġunju, 2012, li biha l-kumpannija mħarrka preliminarjament laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li (a) l-azzjoni hija nulla billi ma hemm ebda talba biex il-Qorti ssib il-kawżali għaliex l-allegat ammonti huma dovuti minnha; (b) l-kuntratt ta' self mal- kumpannija Matrix Invest Ltd ma jiswiex billi l-attur ma kellux ir-rappreżentanza legali skond l-istatut biex jirrappreżenta lill-kumpannija eċċipjenti f'dak il-kuntratt; (ċ) t-tliet garanziji ta' self imsemmija fir-Rikors Maħluf ma jiswewx billi l-attur ma kellux ir-rappreżentanza legali skond l-istatut biex jirrappreżenta lill-kumpannija mħarrka f'dawk il-kuntratti; (d) t-tliet kuntratti ta' assenjazzjoni imsemmija fir-Rikors Maħluf ma jiswewx billi l-attur ma kellux ir-rappreżentanza legali skond l-istatut biex jirrappreżenta lill-kumpannija konvenuta f'dawk il-kuntratti; (e) l-kuntratti ta' self, tat-tliet garanziji ta' self, u ta' assenjazzjoni lkoll huma bla siwi u effett fil-liġi billi ġew maħluqa mill-attur bil-ħsieb li jiffabbrika ċirkostanzi li ma jeżistux biex joħloq raġunijiet ta' ħlas lilu li mhux mistħoqq; (f) t-tliet kuntratti ta' self ma jiswewx għaliex ma jfissrux liema kellha tkun il-liġi tal-kuntratt, u jiġifieri jekk hijiex il-Liġi Russa jew jekk hijiex il-Liġi tal-Unjoni Ewropeja; (ġ) l-kuntratti ta' assenjazzjoni ma jiswewx billi l-mertu tal-assenjazzjoni huwa differenti għal kollox minn dak imsemmi fil-kuntratt innifsu; (ħ) l-azzjoni hija ntempestiva billi għar-rigward tal-ammonti allegatament dovuti lil Globe (Business Hall Inc.) u Janson (Industrial Inc.), il-ftehim kellu jibda jgħodd meta l-ammont kollu jitħallas, filwaqt illi fir-Rikors Maħluf jingħad illi għaddew biss parti minn dawn il-flejjes; (i) l-azzjoni hija wkoll intempestiva billi l-attur qatt ma kien talab lill-kumpannija eċċipjenti biex tħallas ebda ammonti li llum jippretendi bi ħlas f'din il-kawża; (j) din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' din il-kawża billi, skond l-imsemmija kuntratti, kull kwestjoni li tinqala' dwarhom hija soġġetta għall-arbitraġġ. Fil-mertu, laqgħet billi tiċħad li l-attur ħallas flejjes f'isimha u għaldaqstant il-kuntratti ta' assenjazzjoni huma nulli u bla effett; li l-attur jrid iġib il-prova tal-veraċita' tad-dokumenti mehmuża mar-Rikors Maħluf kif ukoll il-prova tal-allegati ħlasijiet li jissemmew fl-istess Rikors;

Rat in-Nota tat-3 ta' Awwissu, 2012[2], li biha l-kumpannija mħarrka rtirat l-eċċezzjoni preliminari marbuta mal-kompetenza *ratione materiae*;

[1] Paġġ. 62 – 3 tal-proċess
[2] Paġ. 78 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012[3], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tas-16 ta' Novembru, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-22 ta' Jannar, 2013[5], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija mħarrka;

Semgħet is-sottomissjonijiet addizzjonali għan-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur[6];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' rivalsa u għal-likwidazzjoni u ħlas ta' flejjes imħallsin lil kredituri ta' debitur minn garanti tal-istess debitur. L-attur jgħid li, bħala garanti tal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "PCATW"), huwa ħallas lura d-djun li l-istess kumpannija kienet ikkuntrattat ma' terzi u li, bil-ħlasijiet minnu mwettqa, kienu issurrogawh fil-jeddijiet tagħhom kontra PCATW. L-attur jgħid li, minkejja li daħal għal PCATW, din baqgħet qatt ma ħallsitu lura l-flejjes li ħareġ għaliha u issa jrid li l-Qorti tillikwida s-somom li jmissu jitħallas għal dak li għamel;

Illi, min-naħa l-oħra, PCATW tiċħad li l-attur ħallas xi flejjes f'isimha jew li kien awtorizzat biex jagħmel dan. Tgħid, fost oħrajn, illi d-dokumenti, kuntratti ta' self, garanziji ta' self, u l-kuntratti ta' assenjazzjoni ma jiswewx billi l-attur ma kienx awtorizzat li jagħmilhom u billi ġew maħluqa mill-attur bl-iskop li jittenta ħlasijiet lilu mhux mistħoqqa;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' PCATW li titkellem dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

[3] Paġ. 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 81 – 4 tal-proċess
[5] Paġġ. 91 – 2 tal-proċess
[6] Paġ. 94 tal-proċess

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li fl-2007, PCATW twaqqfet u kienet registrata mar-Reġistru tal-Kumpanniji f'Malta bil-għan li tixtri, tbiegħ, u tiżviluppa proprjeta' f'Malta u barra minn Malta. L-attur kien wieħed mill-erba' (4) azzjonisti u kif ukoll direttur u s-segretarju f'din il-kumpannija[7];

Illi fl-istess żmienijiet, l-attur, f'isem PCATW, deher fuq tliet (3) kuntratti ta' self ma' tliet (3) kumpanniji differenti u stabiliti barra minn Malta, u jiġifieri Matrix Invest Ltd[8], Globe Business Hall Inc[9], u Janson Industrial Inc[10]. Deher ukoll, fuq tliet (3) kitbiet privati differenti[11], bħala garanti għall-istess PCATW dwar l-imsemmija self;

Illi l-attur jgħid li ħallas id-dejn kollu li kien dovut minn PCATW lit-tliet kumpanniji kredituri, li, min-naħa tagħhom, issurrogawh fid-drittijiet li kellhom kontriha[12];

Illi billi PCATW baqgħet ma ħallsitux lura l-flejjes li ħareġ f'isimha, fit-28 ta' Marzu, 2012, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, il-konsiderazzjonijiet legali iduru mal-fatt li l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas mingħand PCATW ta' flejjes li jgħid li huma dovuti lilu. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha, PCATW tgħid li l-ewwel żewġ talbiet attriċi ma jiswewx għaliex, filwaqt li jitolbu l-istess ħaġa, ma saritx qabilhom talba oħra biex il-Qorti "tiddikjara il-kawżali għaliex l-allegati ammonti huma dovuti mis-soċjeta' konvenuta". Fi kliem il-kumpannija mħarrka, dan iwassal għan-nullita tal-att ġudizzjarju promotur tal-attur;

Illi qabel xejn, għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att, bħal ma għandha quddiemha f'dan il-każ, trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[13], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[14]. Jingħad ukoll li n-nullita' ta' att tiddistingwi ruħha bejn assoluta u relattiva: dik ta' l-ewwel, tinkombi

---

[7] Dok. "TA1" f'paġġ. 11 – 21 tal-proċess
[8] Dok. "TA2" f'paġġ. 22 – 8 tal-proċess
[9] Dok. "TA4" f'paġġ. 33 – 40 tal-proċess
[10] Dok. "TA6" f'paġġ. 43 – 53 tal-proċess
[11] Dok. "PL1" sa Dok. "PL3" f'paġġ. 54 – 62 tal-proċess
[12] Dok. "TA3" f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess, Dok. "TA5" f'paġġ. 41 – 2 tal-proċess u Dok. "TA7" f'paġġ. 52 – 3 tal-proċess
[13] App. Kumm **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[14] App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol. **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

fuq il-Qorti d-dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, mhux hekk f'tat-tieni[15];

Illi biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[16];

Illi għalkemm PCATW ma ssemmix taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 qiegħda tressaq l-eċċezzjoni tagħha taħt eżami, hija ssemmi kemm in-nullita' u wkoll l-irritwalita' tar-Rikors Maħluf tal-attur, u jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif japplika għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi b'mod partikolari dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[17];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Mill-kliem innifsu tal-artikolu 156(1)(a), joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża[18]. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[19];

[15] P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs. Pio Żammit*** (mhix pubblikata) li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju
[16] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assuna Borġ et*** (mhix pubblikata)
[17] Ara, per eżempju, P.A. CS **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[18] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Ray Beżżina vs. Anthony Galea*** (mhix pubblikata)
[19] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li mhijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[20];

Illi, min-naħa l-oħra, fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[21] u li tali tifsira ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[22];

Illi fil-każ preżenti, kif ingħad, PCATW qed teċepixxi n-nullita' tar-Rikors Maħluf billi tgħid li hemm in-nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa (minbarra li tgħid li l-ewwel żewġ talbiet jitolbu l-istess ħaġa). Skond l-argument tal-għaref difensur ta' PCATW[23], filwaqt li fl-ewwel u fit-tieni talba, l-attur jitlob il-likwidazzjoni ta' dak li jgħid li hu dovut lilu, u filwaqt li t-tielet talba hija waħda għal kundanna ta' ħlas, ma saret l-ebda talba biex il-Qorti tiddikjara kawżali għaliex l-allegati ammonti huma dovuti lill-attur. Fi kliem PCATW, din hija azzjoni fejn ir-raġuni tat-talbiet attriċi (li saru) ma joħorġu minnj imkien. Tgħid li dan huwa nuqqas mill-għeruq, meta wieħed iqis illi t-talbiet li jsegwu jistrieħu lkoll fuq din it-talba (li hija nieqsa);

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab l-argumenti mressqa minn PCATW u jisħaq li l-att li bih fetaħ din il-kawża għandu dak kollu li titlob il-liġi biex din il-Qorti tista' tiddefinixxi l-kwestjoni u biex l-istess PCATW tista' (bħalma għamlet) tiddefendi l-pożizzjoni tagħha. Fuq kollox, iżid jgħid li ma hemm xejn fl-imsemmi att promotur li jista' jitqies li huwa bi ksur tal-liġi tal-proċedura;

Illi, dwar dan, il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmula waqt it-trattazzjoni f'isem l-attur għandhom mis-sewwa, għaliex id-dikjarazzjonijiet magħmulin minnu fil-premessi tar-Rikors Maħluf u li

[20] P.A. **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat noe vs Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[21] P.A. **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**)
[22] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Żammit noe et*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.243**)
[23] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 83 – 4 tal-proċess

minnhom jinstiltu t-talbiet tiegħu ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali oħra ma' dawk li saru, billi dawn jinġabru essenzjalment f'dak mitlub fl-ewwel żewġ talbiet. Jekk il-Qorti se' tasal li tilqa' dawk it-talbiet tiegħu, trid tilqagħhom fuq dawk il-kawżali. Allura, ma kienx meħtieġ li ssir talba speċifika kif PCATW qiegħda tippretendi li messu sar;

Illi f'dan is-sens ingħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-Ċitazzjoni fil-forma ta' talba[24];

Illi l-Qrati tagħna kellhom, f'għadd ta' kazi mressqa quddiemhom, jistħarrġu eċċezzjonijiet ta' din l-għamla. Ingħad illi "*ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba u dan ir-rekwiżit huwa rikjest taħt il-piena ta' nullita'. Iżda ma jkunx hemm lok għal din in-nullita' jekk il-kawżali, għalkemm ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, hi spjegata fid-dikjarazzjoni għaliex id-dikjarazzjoni hija kkunsidrata bħala waħda maċ-ċitazzjoni*"[25];

Illi f'każ li kien jirrigwarda talba għal żgumbrament mingħajr ma l-attur talab li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond bla titolu, il-Qorti tal-Appell irreteniet illi "*ma tarax li kien neċessarju għall-attur li jagħmel talba ad hoc fiċ-ċitazzjoni għal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hija impliċita fl-imsemmija talba għal żgumbrament .... L-anqas ma l-Qorti tara n-neċessita' li l-atturi fiċ-ċitazzjoni jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-lokazzjoni pretiża mill-konvenut hija valida jew le ... Biex il-Qorti tasal għall-konkluzzjoni jekk il-konvenut hux qed jokkupa l-fond bla titolu kien ovvju li trid tara u tistabbilixxi jekk jeżistix jew le favur il-konvenut it-titolu li huwa jippretendi li jeżisti favur tiegħu*"[26];

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad aktar il-fuq, il-Qorti tasal għal fehma illi mill-premessi waħedhom li jinsabu fir-Rikors Maħluf, ir-raġunijiet li wasslu lill-attur biex ressaq it-talbiet tiegħu huma ċari, u ma hemm ebda lok għal ebda dikjarazzjoni ta' nullita' minn din il-Qorti. Minn dawk il-premessi wkoll, PCATW fehmet ukoll x'inhu dak li qiegħed jintalab minnha min-naħa tal-attur. L-istess kawżali jinbnew fuq il-jeddijiet tal-attur, bħala l-persuna surrogata fil-jeddijiet tal-kredituri li seta' kellha PCATW, biex jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tal-ammonti li huwa jgħid li ħallas lill-kredituri fl-interess tal-istess PCATW (bħala debitriċi tal-imsemmija kredituri

---

[24] Ara App. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivor Żammit et vs Michael Żammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[25] Vol. **XLI, P. II, p. 1035**

[26] App. Ċiv. **12.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Dottor George Vassallo vs. Julian Sammut*** (mhix pubblikata)

tagħha) biex inqata' d-dejn li hija kellha magħhom. Il-Qorti tqis ukoll li PCATW f'ebda mument ma tispjega x'inhu l-preġudizzju li n-nuqqas li tixli bih lill-attur jikkawżalha għad-difiża tagħha bħala parti fil-kawża. Għaldaqstant ma tarax li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-attur jista' jwassal għall-ħsara ta' xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali minħabba l-att ġudizzjarju kif imressaq minnu;

Illi l-Qorti żżid tgħid ukoll li lanqas ma huwa minnu li l-ewwel żewġ talbiet jitolbu l-istess ħaġa. Huma talbiet marbutin flimkien, fejn waħda titlob li l-Qorti tillikwida s-somma li PCATW għandha tirrifondi lill-attur, filwaqt li t-tieni talba hija dikjarazzjoni li PCATW hija tabilħaqq debitriċi tal-attur. F'dan kollu, il-Qorti ma tilmaħ l-ebda ksur tal-liġi li twassal biex l-att ġudizzjarju jitqies bħala wieħed bla siwi jew null;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka billi mhix mistħoqqa;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż ta' din is-sentenza**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2017**